2024/2143

9.8.2024

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2143

tad-29 ta' Lulju 2024

li tistabbilixxi linji gwida għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-ewwel"

(notifikata bid-dokument C(2024) 5284)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) introduċiet rekwiżit biex tintlaħaq il-mira ewlenija ta' ffrankar tal-enerġija ta' mill-inqas 32,5 % fil-livell tal-Unjoni sal-2030.

(2) Id-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) ġiet adottata fit-13 ta' Settembru 2023. Hija rriformulat id-Direttiva 2012/27/UE u żammet xi wħud mid-dispożizzjonijiet tagħha kif inhuma, filwaqt li introduċiet xi rekwiżiti ġodda. B'mod partikolari, żiedet b'mod sinifikanti l-livell ta' ambizzjoni għall-2030 f'termini ta' effiċjenza enerġetika, inkluż b'rabta mal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel".

(3) Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" huwa definit fir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u jinsab fil-qalba tal-Istrateġija tal-UE għall-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija ([4]). Id-Direttiva (UE) 2023/1791 issaħħaħ il-prinċipju u, għall-ewwel darba tistabbilixxi kundizzjonijiet għall-applikazzjoni prattika tiegħu.

(4) Biex jinkiseb l-impatt mixtieq, il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" irid jiġi applikat b'mod konsistenti minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet nazzjonali, reġjonali, lokali u settorjali fix-xenarji u d-deċiżjonijiet ta' politika, tal-ippjanar u ta' investiment ewlenin rilevanti kollha – jiġifieri l-investimenti fuq skala kbira b'valur aktar minn EUR 100 000 000 kull wieħed jew EUR 175 000 000 għall-proġetti infrastrutturali tat-trasport – li jaffettwaw il-konsum jew il-provvista tal-enerġija. Għalhekk, il-prinċipju jrid jiġi applikat kemm fis-settur tal-enerġija kif ukoll f'dak mhux tal-enerġija.

(5) Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jespandu l-applikazzjoni tal-prinċipju, pereżempju billi jnaqqsu l-limiti msemmija hawn fuq jew billi jistabbilixxu limiti aktar baxxi għal setturi u tipi ta' proġetti speċifiċi, jekk iqisu li potenzjal sostanzjali tal-effiċjenza enerġetika jibqa' mhux sfruttat għal dawk is-setturi u t-tipi ta' proġetti.

(6) L-applikazzjoni xierqa tal-prinċipju tirrikjedi l-użu tal-metodoloġija t-tajba tal-analiżi tal-kostbenefiċċji għal sett usa' ta' impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali, l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet abilitanti għal soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija u l-iffaċilitar tal-monitoraġġ xieraq tal-applikazzjonijiet tal-prinċipju billi jiġu identifikati entità jew entitajiet responsabbli għal dan il-monitoraġġ f'kull Stat Membru. Il-metodoloġiji tal-analiżi tal-kostbenefiċċji

([1]) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li thassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2012/27/oj).

([2]) Id-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-effiċjenza enerġetika u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (ĠU L 231, 20.9.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/1791/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1999/oj).

([4]) Stabbilita fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Nixprunaw Ekonomija Newtrali għall-Klima: Strateġija tal-UE għall-Integrazzjoni tas-Sistemi tal-Enerġija, COM(2020) 299 final.

għandhom jiġu żviluppati u mwettqa b'mod sistematiku, għandhom kunu bbażati fuq l-aktar informazzjoni aġġornata dwar il-prezzijiet tal-enerġija u għandhom jinkludu xenarji għaż-żieda fil-prezzijiet, bħal pereżempju minħabba l-applikazzjoni u l-espansjoni tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni (EU ETS) skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), sabiex jiġi pprovdut inċentiv biex jiġu applikati miżuri ta' effiċjenza enerġetika.

(7) Għandha tingħata prijorità lill-flessibbiltà min-naħa tad-domanda u lis-soluzzjonijiet li jkunu aktar kosteffettivi mill-investimenti fl-infrastruttura tal-provvista tal-enerġija biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika. L-impatti fuq il-faqar enerġetiku għandhom jiġu vvalutati. L-Istati Membri iridu jqisu l-benefiċċji potenzjali tal-flessibbiltà min-naħa tad-domanda bl-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" u, meta rilevanti, jikkunsidraw ir-rispons tad-domanda kemm fil-livell ċentralizzat kif ukoll deċentralizzat, il-ħżin tal-enerġija, u soluzzjonijiet intelliġenti bħala parti mill-isforzi tagħhom biex iżidu l-effiċjenza tas-sistema tal-enerġija integrata.

(8) L-Istati Membri fid-diskrezzjoni tagħhom jistgħu jagħżlu l-mod kif jittrasponu u jimplimentaw ir-rekwiżiti rigward is-servizzi tal-enerġija, li jkun l-aktar adattat għaċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom. F'dan il-kuntest, ikun rakkomandat li d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva (UE) 2023/1791 jiġu interpretati b'mod konsistenti li jikkontribwixxi għal fehim koerenti tad-Direttiva (UE) 2023/1791 madwar l-Istati Membri hekk kif ikunu qed iħejju l-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom.

(9) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1749 ([6]), b'mod partikolari l-Anness tagħha, fiha linji gwida u eżempji rilevanti għall-implimentazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fit-teħid tad-deċiżjonijiet fis-settur tal-enerġija u lil hinn minnu.

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. Jenħtieġ li l-Istati Membri jsegwu l-linji gwida interpretattivi fl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni meta jittrasponu l-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 fil-liġi nazzjonali tagħhom.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Kadri SIMSON
Membru tal-Kummissjoni

([5]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj).

([6]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1749 tat-28 ta' Settembru 2021 dwar l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel: minn prinċipji għall-prattika — Linji gwida u eżempji għall-implimentazzjoni tagħha fit-teħid tad-deċiżjonijiet fis-settur tal-enerġija u lil hinn minnu (ĠU L 350, 4.10.2021, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/1749/oj).

ANNESS

1. **Introduzzjoni**

Dawn il-linji gwida jipprovdu gwida lill-Istati Membri dwar kif għandhom jinterpretaw l-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 meta jittrasponuh fid-dritt nazzjonali tagħhom. Madankollu, l-interpretazzjoni vinkolanti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni hija l-kompetenza esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw il-valutazzjoni tas-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika fid-deċiżjonijiet ta' ppjanar, ta' politika u ta' investiment maġġuri kemm fis-setturi tal-enerġija kif ukoll f'dawk mhux tal-enerġija. L-Artikolu jirrikjedi wkoll l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ, il-promozzjoni ta' metodoloġiji tal-kostijiet-benefiċċji, u t-tneħħija tal-ostakli għall-implimentazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel". Is-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom imorru lil hinn mill-iffrankar tal-enerġija fl-użu finali, u jkopru wkoll riżorsi orjentati lejn id-domanda (ir-rispons fin-naħa tad-domanda, il-ħżin tal-enerġija, soluzzjonijiet intelliġenti) u l-konverżjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni effiċjenti tal-enerġija. Huwa mistenni li l-Istati Membri, permezz tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2023/1791, se jinkorporaw il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet u għall-ħruġ tal-permessi tagħhom u japplikawh fid-deċiżjonijiet futuri rilevanti kollha ta' ppjanar, ta' politika u ta' investiment maġġuri.

2. **Kuntest legali u ta' politika**

Il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2018/1999, huwa bbażat fuq il-premessa li l-investimenti strateġiċi fl-effiċjenza enerġetika jistgħu jnaqqsu d-domanda b'mod kosteffettiv, u b'hekk inaqqsu l-ħtieġa għal produzzjoni u infrastruttura addizzjonali tal-enerġija u l-kostijiet assoċjati magħhom.

Kif iddikjarat fil-premessa (15) tal-preambolu tad-Direttiva (UE) 2023/1791, il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" huwa *"prinċipju kumplessiv li jenħtieġ li jitqies fis-setturi kollha […]. Is-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jitqiesu bħala l-ewwel għażla fid-deċiżjonijiet ta' politika, tal-ippjanar u tal-investiment meta jiġu stabbiliti regoli ġodda għan-naħa tal-provvista u għal oqsma oħra ta' politika."*

Ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2021/1749, li hija rilevanti għall-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2023/1791, tistabbilixxi għodod u azzjonijiet speċifiċi li jassistu lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel". L-Artikolu 3(3) tad-Direttiva (UE) 2023/1791, iħeġġeġ lill-Istati Membri jqisu din ir-rakkomandazzjoni.

L-Artikolu 3 huwa interkonness mal-Artikolu 7 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 li jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li meta jikkonkludu kuntratti pubbliċi u konċessjonijiet ta' valur daqs jew akbar mil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/23/UE ([1]), l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/24/UE ([2]) u l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2014/25/UE ([3]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti japplikaw il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel".

L-Artikolu 3 huwa wkoll interkonness mal-Artikolu 27 tad-Direttiva (UE) 2023/1791, skont liema l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ta' sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-gass u tal-elettriku japplikaw il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", fl-ippjanar tan-network, fl-iżvilupp tan-network u fid-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom. L-Artikolu 27 jirrikjedi wkoll li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-enerġija għandhom japplikaw il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fit-twettiq tal-kompiti regolatorji previsti fid-Direttivi 2009/73/KE ([4]) u (UE) 2019/944 ([5]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-operat tal-infrastruttura tal-gass u tal-elettriku, inklużi d-deċiżjonijiet tagħhom dwar it-tariffi tan-network.

([1]) Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/23/oj).

([2]) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/24/oj).

([3]) Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/25/oj).

([4]) Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/73/oj).

([5]) Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/944/oj).

3. **Termini u kunċetti użati f'dawn il-linji gwida u fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2023/1791**

3.1. **Id-differenza bejn id-deċiżjonijiet tal-ippjanar, ta' politika u ta' investiment maġġuri**

La d-Direttiva (UE) 2023/1791 u lanqas ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2021/1749 ma jagħmlu delineazzjoni espliċita bejn id-deċiżjonijiet ta' ppjanar, ta' politika u ta' investiment maġġuri. L-ispjegazzjonijiet li ġejjin huma bbażati fuq il-kunsiderazzjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni u jingħataw biss bħala indikazzjoni. It-Tabella 1 tiġbor fil-qosor il-karatteristiċi ta' deċiżjonijiet ta' ppjanar, ta' politika u ta' investiment maġġuri.

Tabella 1

Tqabbil ta' deċiżjonijiet ta' ppjanar, ta' politika u ta' investiment maġġuri

Tip ta' Deċiżjoni	Deskrizzjoni	Eżempji	Kunsiderazzjoni ewlenija
Deċiżjonijiet ta' ppjanar	Għażliet strateġiċi ta' livell għoli rigward is-sistemi tal-enerġija u s-setturi mhux tal-enerġija, b'enfasi fuq ix-xejriet, il-fattibbiltà, u l-evalwazzjoni tas-soluzzjonijiet tal-enerġija.	Pjanar pubbliku: pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1999 ([1]); pjanijiet ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network; pjanar nazzjonali dwar it-trasport; pjanijiet ta' mobbiltà urbana sostenibbli; pjanijiet lokali tat-tisħin u t-tkessiħ imsemmija fl-Artikolu 25, il-paragrafu 6 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 Pjanar privat: pjanar strateġiku tan-negozju; pjanar tal-proprjetà immobbli; pjanar tal-flotta	Mhux neċessarjament jinvolvu impenji finanzjarji speċifiċi għall-proġetti.
Deċiżjonijiet ta' politika	L-iżvilupp, ir-rieżami u l-implimentazzjoni tal-politiki b'impatt sinifikanti fuq il-konsum tal-enerġija u tar-regolamenti tal-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali	Skemi ta' finanzjament; regolamentazzjoni u tfassil tas-suq tal-enerġija: standards u normi; taxxi fuq l-enerġija u s-CO_2; miżuri ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni.	Li jiġi żgurat li l-politiki eżistenti u ġodda jkunu konformi mal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel".
Deċiżjonijiet ta' investiment maġġuri	Impenn favur proġetti individwali speċifiċi b'implikazzjonijiet finanzjarji konkreti.	Infrastruttura tan-network; linja ta' interkonnettur tat-trażmissjoni tal-elettriku; park eoliku fuq skala kbira lil hinn millkosta; kapaċitajiet ta' produzzjoni tal-idroġenu, ħżin tal-enerġija fuq skala kbira, proġett ta' żvilupp tal-bini, infrastruttura ġdida jew estiża għat-trasport bl-ajru, awtostradi ġodda.	Proġetti tanġibbli b'riżorsi finanzjarji allokati.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1999/oj).

3.2. **Nefqa li taqa' taħt deċiżjonijiet ta' investiment maġġuri**

Deċiżjoni ta' investiment maġġuri li tikkonċerna assi fiżiku, kemm jekk hi relatata mas-sistemi tal-enerġija kif ukoll ma' setturi mhux tal-enerġija, tinvolvi nefqa kapitali. Din tinkludi kostijiet assoċjati mal-akkwist jew mat-titjib tal-assi fiżiċi, bħax-xiri ta' makkinarju jew tagħmir, l-akkwist ta' art, u l-kostijiet għall-kostruzzjoni jew l-installazzjoni tal-infrastruttura. Tista' tinkludi wkoll il-kostijiet tad-disinn u tal-inġinerija, il-permessi, u l-kostijiet tat-taħriġ inizjali għat-tħaddim tat-tagħmir jew tal-infrastruttura l-ġdida. Dawn huma kostijiet bil-quddiem li jipprovdu valur fuq perjodu twil ta' żmien.

Huma esklużi minn dawk l-investimenti bil-quddiem l-ispejjeż operatorji, li huma l-kostijiet kontinwi għall-operat ta' prodott, negozju, jew sistema. Fil-kuntest ta' proġett ta' infrastruttura, l-ispejjeż operatorji jkunu jinkludu kostijiet tal-enerġija, manutenzjoni ta' rutina u tiswijiet, kostijiet tal-persunal, u spejjeż oħra relatati mal-operat ta' kuljum tal-infrastruttura. Dawn normalment ma jiġux ikkunsidrati fid-deċiżjoni inizjali ta' investiment peress li huma rikorrenti u ħafna drabi jkunu kostijiet varjabbli mġarrba għall-operazzjoni stess tal-assi ladarba jkun ġie installat u jkun qed jintuża.

Id-Direttiva (UE) 2023/1791 ma tinkludi l-ebda speċifikazzjoni dwar jekk in-nefqa kapitali u/jew l-ispejjeż operatorji jridux jitqiesu biex jiddefinixxu deċiżjonijiet ta' investiment maġġuri. Għalhekk, għandhom jitqiesu l-ispejjeż rilevanti kollha – kemm jekk ikunu nefqa kapitali, spejjeż operatorji jew kwalunkwe tip ieħor.

3.3. **Proġetti ta' infrastruttura f'fażijiet fil-kuntest ta' deċiżjonijiet ta' investiment maġġuri**

Il-proġetti ta' infrastruttura f'fażijiet, bħall-kostruzzjoni ta' parks eoliċi jewawtostradi, għandhom jiġu ttrattati bħala deċiżjoni unika ta' investiment u għandha titqies in-nefqa kapitali totali għall-komponenti kollha biex jiġi ddeterminat jekk il-proġett jaqbiżx il-limiti ta' investiment maġġuri stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2023/1791.

Pereżempju, għalkemm kull turbina eolika fi ħdan park eoliku tista' tiġġenera u tipprovdi l-enerġija b'mod indipendenti, il-proġett sħiħ tal-park eoliku jirrappreżenta deċiżjoni unika ta' investiment. Bl-istess mod, proġett ta' kostruzzjoni ta' awtostrada ta' diversi snin għandu jitqies fit-totalità tiegħu għall-evalwazzjoni tal-investiment, irrispettivament jekk is-sezzjonijiet individwali jistgħux joperaw b'mod indipendenti jew le.

3.4. **Setturi mhux tal-enerġija**

Is-setturi mhux tal-enerġija huma dawk l-oqsma tal-ekonomija li primarjament ma jittrattawx il-produzzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, jew il-bejgħ tal-enerġija. Filwaqt li dawk is-setturi jikkunsmaw u jiddependu fuq l-enerġija għall-operazzjonijiet tagħhom, il-funzjoni ewlenija tagħhom mhijiex iċċentrata fuq il-produzzjoni jew il-provvista tal-enerġija. L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2023/1791 jipprovdi lista mhux eżawrjenti ta' eżempji ta' setturi mhux tal-enerġija, li tinkludi l-bini, it-trasport, l-ilma, it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, l-agrikoltura, u s-settur finanzjarju.

Skont il-metodoloġija tal-Eurostat għall-bilanċ tal-enerġija ([6]), is-setturi mhux tal-enerġija jistgħu jinftiehmu bħala dawk involuti fil-konsum finali tal-enerġija (kodiċi tal-Eurostat FC_E). Dawn is-setturi jinkludu s-settur tal-industrija (FC_IND_E), is-settur tat-trasport (FC_TRA_E), u setturi oħra (FC_OTH_E), bħas-servizzi kummerċjali u pubbliċi, l-unitajiet domestiċi, l-agrikoltura u l-forestrija, u s-sajd. Għalhekk, il-lista indikattiva fl-Artikolu 3(1) bl-istess mod tista' tiġi allinjata mas-setturi tal-użu finali tal-enerġija tal-Eurostat, jew ma' raggruppament nazzjonali ta' setturi tal-użu finali tal-enerġija.

4. **Obbligi skont l-Artikolu 3**

4.1. **Liema soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiġu vvalutati?**

Is-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika jistgħu jinftiehmu bħala teknoloġiji, proċessi u prattiki li jnaqqsu jew jibdlu maż-żmien l-ammont ta' enerġija meħtieġ biex jiġi pprovdut l-istess livell ta' prestazzjoni, servizz jew beni. Mill-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2018/1999 flimkien mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2023/1791 jirriżulta li tali soluzzjonijiet jistgħu jinkludu:

(a) **l-iffrankar tal-enerġija fl-użu finali**, bħal, iżda mhux limitat għal, l-iżolazzjoni u titjib ieħor fl-iffrankar tal-enerġija għall-bini, bidla modali, vetturi effiċjenti fl-użu tal-fjuwil, apparat u tagħmir effiċjenti fl-użu tal-enerġija, sistemi tal-muturi effiċjenti u l-irkupru tas-sħana;

([6]) Il-Kummissjoni Ewropea, Energy balance guide, Methodology guide for the construction of energy balances & Operational guide for the energy balance builder tool, 2019.

(b) **ir-riżorsi orjentati lejn id-domanda u l-flessibbiltajiet tas-sistema**, li jistgħu jinvolvu elementi bħar-rispons finanzjarju tad-domanda, il-ħżin tal-enerġija (inklużi l-batteriji u l-ħżin termali), u soluzzjonijiet intelliġenti (pereżempju, miters intelliġenti, termostats intelliġenti);

(c) **il-konverżjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni effiċjenti tal-enerġija**, li jinkorporaw approċċi bħat-tnaqqis fit-telf tan-network, l-introduzzjoni ta' grilji intelliġenti, u tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti.

L-Artikolu 3(1) jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li s-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika, fejn ikunu disponibbli u jkunu jistgħu jissodisfaw l-istess ħtieġa speċifika jew objettiv ta' politika, jiġu vvalutati fid-deċiżjonijiet tal-ippjanar għall-quddiem, ta' politika u ta' investiment maġġuri. L-Istati Membri jistgħu, pereżempju, jaġġornaw l-istudji dwar il-potenzjal tal-iffrankar tal-enerġija b'mod regolari, u jagħmlu disponibbli katalgi aġġornati ta' soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għall-pjanifikaturi u l-investituri. It-tabelli li ġejjin jipprovdu xi eżempji ta' alternattivi possibbli jew soluzzjonijiet komplementari għal pjanijiet għall-iżvilupp infrastrutturali addizzjonali fis-sistemi tal-enerġija (it-Tabella 2) u fis-setturi mhux tal-enerġija (it-Tabella 3), rispettivament. Dawn mhumiex listi eżawrjenti.

Tabella 2

Eżempji ta' alternattivi fis-sistema tal-enerġija meta jiġi applikat il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel"

Settur	Pjanijiet għall-iżvilupp infrastrutturali addizzjonali	Alternattivi possibbli / soluzzjonijiet komplementari
L-elettriku	— il-ġenerazzjoni (impjanti tal-enerġija konvenzjonali u rinnovabbli, impjanti ta' koġenerazzjoni) — it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni (linji ta' trażmissjoni ta' vultaġġ għoli, substazzjonijiet, interkonnetturi, transformers, eċċ.) — il-ħżin (akkumulu idro ppompjat, ħżin tal-batteriji, eċċ.)	— flessibbiltà orjentata lejn id-domanda/rispons tad-domanda (pereżempju, il-ġestjoni tad-domanda tal-vetturi elettriċi, l-iċċarġjar reattiv/bidirezzjonali, il-pompi tas-sħana flessibbli, it-tariffi tal-enerġija fil-ħin tal-użu u s-servizzi għall-aggregazzjoni tar-rispons tad-domanda) — teknoloġiji ta' grilji intelliġenti, inkluża infrastruttura avvanzata tal-kejl — iffrankar tal-enerġija fl-użu finali (pereżempju, apparat u tagħmir effiċjenti, mezzi ta' dawl)
Il-gass	— il-produzzjoni (żoni tal-gass, pjattaformi lil hinn mill-kosta, siti ta' estrazzjoni tal-gass tax-shale, infrastruttura tal-idroġenu) — it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni (bil-pipelines, stazzjonijiet tal-kompressuri, interkonnetturi) — il-ħżin (faċilitajiet ta' ħżin ta' gass taħt l-art, terminali tal-gass naturali likwifikat)	— iffrankar tal-enerġija fl-użu finali (pereżempju, l-iżolazzjoni tal-bini) — elettrifikazzjoni tas-sistemi tat-tisħin u tal-modi tat-trasport (li għandha benefiċċji inerenti għall-effiċjenza tas-sistema) — tnaqqis fit-telf tan-network
Is-sħana	— il-ġenerazzjoni (bojlers konvenzjonali, fran, koġenerazzjoni) — in-networks (pajpijiet, skambjaturi tas-sħana, pompi, substazzjonijiet) — il-ħżin (ħżin tal-enerġija termali, materjali għat-tibdil tal-fażi, eċċ.)	— iffrankar tal-enerġija fl-użu finali (pereżempju, l-iżolazzjoni tal-bini) — integrazzjoni tas-sistema u l-effiċjenza tas-sistema (pereżempju, mill-enerġija għas-sħana) — sorsi ta' enerġija rinnovabbli (pereżempju, pompi tas-sħana, enerġija ġeotermali, enerġija solari termali) — irkupru tas-sħana mormija — tisħin distrettwali rinnovabbli

Tabella 3

Eżempji ta' alternattivi fis-setturi mhux tal-enerġija meta jiġi applikat il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel"

Settur mhux tal-enerġija	Pjanijiet għall-iżvilupp infrastrutturali addizzjonali	Alternattivi possibbli / soluzzjonijiet komplementari
Il-bini	— kostruzzjoni fuq skala kbira (pereżempju, bini kummerċjali, kumplessi residenzjali, faċilitajiet pubbliċi bħal skejjel) li tinvolvi deċiżjonijiet dwar is-sistemi tat-tisħin, tal-ventilazzjoni u tal-arja kundizzjonata	— rinnovazzjonijiet enerġetiċi ta' bini eżistenti — immappjar tal-bini disponibbli (mhux użat) qabel kostruzzjonijiet ġodda — kostruzzjoni effiċjenti fl-enerġija (inkluż bini b'użu ta' kważi żero enerġija, bini b'emissjonijiet żero) — sistemi ta' awtomatizzazzjoni u kontroll tal-bini (pereżempju, termostats intelliġenti, sensuri tal-preżenza) — sistemi tat-tisħin effiċjenti (pereżempju, pompi tas-sħana, tisħin distrettwali) — soluzzjonijiet ta' tkessiħ passiv (pereżempju, sistemi li jipprovdu dell, massa termali, tkessiħ matul il-lejl, ventilazzjoni u mezzi ta' dawl naturali) — mezzi ta' dawl u tagħmir effiċjenti fl-enerġija — integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli (pereżempju, PV, solari termali) — tixpruna l-bidla fl-imġiba fl-użu tal-enerġija — sistemi intelliġenti ta' ċċarġjar
It-trasport	— infrastrutturi ewlenin tat-trasport (pereżempju, awtostradi, ferroviji, ajruporti, portijiet u infrastruttura marittima)	— trasport pubbliku (pereżempju, sistemi urbani u suburbani ta' tranżitu tal-massa, konnessjonijiet ferrovjarji bejn il-bliet, flotot tal-karozzi tal-linja) — infrastruttura għaċ-ċiklisti u għall-persuni bilmixi (pereżempju, korsiji għaċ-ċiklisti, sistemi ta' bike-sharing) — konsolidazzjoni tal-merkanzija — ġestjoni tal-mobbiltà (pereżempju, programmi ta' car-sharing, li jistimulaw okkupanza ogħla tal-vetturi) — appoġġ għat-trasport multimodali (ikkombinat) — miżuri li jistimulaw użu akbar ta' modi ta' trasport effiċjenti fl-enerġija — elettrifikazzjoni tal-flotta — infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

L-industrija	— il-kostruzzjoni ta' siti industrijali ġodda — l-użu ta' fjuwils ġodda u proċessi tal-konsum tal-enerġija	— il-promozzjoni tal-integrazzjoni u r-raggruppament effiċjenti tas-settur industrijali fil-livell lokali — operat flessibbli permezz tar-rispons tad-domanda u l-awtokonsum — l-użu mill-ġdid tas-sħana u l-kesħa mormija — l-elettrifikazzjoni u l-użu "bla dispjaċir" tal-fjuwils tal-enerġija
L-ilma	— il-provvista tal-ilma (pereżempju, faċilitajiet ta' desalinazzjoni) — impjanti għat-trattament tal-ilma mormi — networks ta' distribuzzjoni tal-ilma (pereżempju, pajpijiet, stazzjonijiet tal-ippumpjar)	— iffrankar tal-ilma (pereżempju, prattiki agrikoli effiċjenti fl-użu tal-ilma) — pompi, muturi u faċilitajiet tat-trattament effiċjenti fl-enerġija — tnaqqis fit-telf tan-network — networks intelliġenti tal-ilma u sistemi ta' ġestjoni tal-pressa — l-użu tal-ilma tax-xita u tal-ilma griż fil-bini
L-ICT	— ċentri ta' *data* (pereżempju, l-użu tal-enerġija għall-informatika, għat-tkessiħ) — infrastruttura tat-telekomunikazzjoni (pereżempju, networks tal-broadband, sistemi mobbli)	— disinn u operazzjoni ta' ċentri ta' *data* effiċjenti fl-enerġija (inkluż l-irkupru tas-sħana mormija) — tagħmir ta' networking effiċjenti fl-enerġija — teknoloġiji ta' grilji intelliġenti u soluzzjonijiet diġitali għall-ġestjoni tal-enerġija
L-agrikoltura	— sistemi ta' irrigazzjoni (pereżempju, bilfriefet tal-wiċċ) — makkinarju u tagħmir tal-farm (pereżempju, magni tal-ħsad u d-dris, tratturi) — serer, farms vertikali	— l-adattament tal-għażla tal-għelejjel għall-klima lokali, b'kont meħud tat-tibdil fil-klima — prattiki agrikoli li jillimitaw il-ħtieġa għal makkinarju u tagħmir (pereżempju, il-permakultura) — irrigazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija (pereżempju, pompi li jaħdmu b'enerġija solari) — biedja ta' preċiżjoni (pereżempju, makkinarju ggwidat bil-GPS) — l-użu ta' enerġija rinnovabbli (pereżempju, it-tnixxif solari, pannelli solari)

4.2. **Kif għandhom jiġu vvalutati s-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika?**

Il-valutazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika fid-deċiżjonijiet ta' politika, ta' ppjanar jew ta' investiment maġġuri tfisser li tali soluzzjonijiet għandhom jitqiesu u jiġu evalwati bħala parti mill-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. L-użu tal-analiżi tal-kostijiet-benefiċċji għall-valutazzjoni tas-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika jista' jinkludi:

(a) **analiżi teknika**: l-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni tar-rekwiżiti tal-fattibbiltà teknika, tal-prestazzjoni u tal-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet potenzjali tal-effiċjenza enerġetika. Il-kunsiderazzjonijiet f'dan l-istadju jistgħu jinkludu l-potenzjal għall-iffrankar tal-enerġija jew għat-trasferiment tat-tagħbija, il-kompatibbiltà mas-sistemi eżistenti, ir-rekwiżiti teknoloġiċi, u r-restrizzjonijiet jew ir-riskji potenzjali;

(b) **analiżi finanzjarja**: eżami tal-investiment mill-perspettiva ta' min jieħu d-deċiżjonijiet; iffukar fuq il-kostijiet u l-benefiċċji finanzjarji diretti, bl-użu tal-prezzijiet tas-suq għall-istima, u l-inkorporazzjoni ta' pagamenti ta' trasferiment, bħal taxxi u sussidji. Ir-rata ta' skont applikata tirrifletti l-kost tal-opportunità tal-kapital tal-investitur. Benefiċċji interni usa' ([7]), bħal produttività mtejba tal-forza tax-xogħol wara retrofit ta' bini tal-uffiċċji, jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll, għalkemm dawn spiss ikunu ta' sfida għall-kwantifikazzjoni u l-monetizzazzjoni għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell privat;

(c) **analiżi ekonomika**: It-teħid ta' perspettiva soċjetali, il-qbid tal-kostijiet ekonomiċi kollha u l-benefiċċji usa' ta' soluzzjoni tal-effiċjenza enerġetika għas-soċjetà kollha kemm hi; l-użu ta' prezzijiet ekonomiċi jew paralleli għal stima u l-esklużjoni ta' pagamenti ta' trasferiment. Ir-rata ta' skont applikata tirrappreżenta preferenza soċjetali maż-żmien fir-rigward tal-flus u normalment tkun aktar baxxa minn dik fl-analiżi finanzjarja. Dan l-approċċ iqis ukoll il-benefiċċji esterni usa', inklużi l-impatti ambjentali, tas-saħħa, u impatti soċjetali oħra li ma jidhrux f'analiżi finanzjarja ([8]). B'mod importanti, f'konformità mal-Artikolu 3(5), il-punt (b), tad-Direttiva (UE) 2023/1791, l-analiżi għandha tqis ukoll l-impatt fuq il-faqar enerġetiku. Pereżempju, dan jista' jinkludi valutazzjoni ddedikata tal-kostijiet u tal-benefiċċji għal unitajiet domestiċi vulnerabbli u b'introjtu baxx.

L-analiżi ekonomika hija partikolarment rilevanti għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi u r-rwol tagħhom fid-difiża tal-interess pubbliku billi tqis l-implikazzjonijiet soċjetali usa' tal-azzjonijiet tagħhom.

Entitajiet privati bħal negozji u organizzazzjonijiet nongovernattivi normalment jippreżentaw id-deċiżjonijiet tagħhom flimkien ma' analiżi finanzjarja, li tirrifletti l-interessi finanzjarji tagħhom stess, sakemm il-kost soċjetali addizzjonali ma jkunx kopert minn finanzjament pubbliku. Benefiċċji esterni usa' (pereżempju, effetti fuq il-kwalità tal-arja) jistgħu jiġu kkunsidrati, iżda spiss jikkostitwixxu kunsiderazzjonijiet sekondarji, potenzjalment segwiti għal raġunijiet bħar-responsabbiltà soċjali korporattiva. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jħeġġu lill-entitajiet privati biex jikkunsidraw il-benefiċċji għas-soċjetà flimkien ma' kunsiderazzjonijiet finanzjarji fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom billi joffru appoġġ pubbliku u miżuri oħra (ara wkoll it-Taqsima 4.9).

4.3. Immaniġġjar ta' deċiżjonijiet ta' investiment maġġuri 'il fuq minn u taħt il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2023/1791

Skont l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva (UE) 2023/1791, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw l-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel". Kif spjegat fit-Taqsima 5 ta' dawn il-linji gwida, parti mill-missjoni tal-awtoritajiet kompetenti għandha tinkludi d-determinazzjoni jekk l-investimenti humiex 'il fuq minn jew taħt il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2023/1791.

Fir-rigward ta' deċiżjonijiet ta' investiment maġġuri 'il fuq mil-limiti (EUR 100 miljun jew EUR 175 miljun għal proġetti ta' infrastruttura tat-trasport), l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2023/1791 jirrikjedi b'mod espliċitu li l-Istati Membri jiżguraw li s-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika jiġu vvalutati. Għal aktar dettalji, ara t-Taqsima 4.2. ta' dawn il-linji gwida.

Fir-rigward ta' deċiżjonijiet ta' investiment maġġuri taħt il-limiti, ma hemm l-ebda rekwiżit legali espliċitu fid-Direttiva (UE) 2023/1791 biex jiġu vvalutati s-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika. Madankollu, l-Istati Membri huma mħeġġa jagħmlu dan kull meta dawk id-deċiżjonijiet jirriżultaw f'konsum sinifikanti tal-enerġija.

4.4. Kif tista' tiġi żgurata valutazzjoni xierqa tal-benefiċċji usa'?

Skont l-Artikolu 3(5), il-punt (a), tad-Direttiva (UE) 2023/1791, l-Istati Membri huma meħtieġa jippromwovu u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku metodoloġiji tal-kostijiet-benefiċċji li jippermettu valutazzjoni xierqa tal-benefiċċji usa' tas-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika.

Benefiċċji usa' jistgħu jinftiehmu bħala l-impatti soċjali, ambjentali u ekonomiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika li mhumiex gwadann jew telf finanzjarju personali immedjat li jidhru fuq il-kont tal-enerġija.

([7]) Ara t-Taqsima 4.4
([8]) Ara t-Taqsima 4.4

Kif deskritt fit-Tabelli 4, 5 u 6, eżempji ta' impatti soċjali jinkludu kumdità ta' ġewwa mtejba, tnaqqis tal-faqar enerġetiku, valuri mtejba tal-proprjetà u tnaqqis tal-istorbju. Il-benefiċċji ambjentali jinvolvu tnaqqis fil-gassijiet serra, it-tniġġis tal-arja u tal-ilma, il-ġenerazzjoni ta' skart, u inqas rekwiżiti tal-art, li jgħinu fil-preservazzjoni tal-ekosistema. Il-benefiċċji ekonomiċi jwasslu għall-ħolqien tal-impjiegi lokali, żieda fil-produttività tal-forza tax-xogħol, sigurtà mtejba tal-enerġija, u stimulazzjoni tal-innovazzjoni u l-kompetittività tan-negozju. Kull benefiċċju jissottolinja s-sinifikat wiesa' tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika lil hinn mill-implikazzjonijiet finanzjarji diretti tagħhom.

Il-valutazzjoni ta' dawk il-benefiċċji usa' tista' tinvolvi l-passi li ġejjin:

(a) **l-iżgurar ta' kamp ta' applikazzjoni suffiċjenti**: Valutazzjoni bbilanċjata teħtieġ kunsiderazzjoni tal-benefiċċji rilevanti kollha, filwaqt li jitqies li tali benefiċċji ħafna drabi jkunu mifruxa f'diversi setturi u atturi. Meta l-benefiċċji jiġu injorati, dan jista' jwassal għal valutazzjoni parzjali. Pereżempju, jekk jiġu injorati l-kumdità ta' ġewwa mtejba, il-mard evitat u l-mwiet prematuri li jirriżultaw minn retrofits ta' bini, ir-riżultati pożittivi ta' dawk ir-retrofits ta' bini jiġu stmati inqas milli ħaqqhom;

(b) **il-kwantifikazzjoni f'unitajiet fiżiċi**: L-impatti għandhom jiġu kkwantifikati f'unitajiet fiżiċi, bħal tunnellati ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, impjiegi ekwivalenti għall-full-time, jew jiem ta' liv minħabba mard evitati. Dan jipprovdi bażi preliminari għat-tqabbil ta' għażliet differenti ta' investiment;

(c) **il-monetizzazzjoni**: Il-metodu rakkomandat huwa li jiġu aggregati l-benefiċċji usa' espressi f'unitajiet fiżiċi differenti. Dan il-proċess huwa kumpless peress li jinvolvi l-istabbiliment ta' valur għall-benefiċċji li għalihom mal-ewwel daqqa t'għajn ma hemm l-ebda valur tas-suq. Kif elenkat fit-Tabelli 4, 5 u 6, tekniki ta' monetizzazzjoni jistgħu jinkludu valwazzjoni diretta tas-suq, kemm wieħed huwa lest li jħallas għal jew jaċċetta approċċi ([9]). Il-monetizzazzjoni hija intrinsikament kontroversjali minħabba l-kumplessitajiet etiċi involuti, bħall-valutazzjoni tal-ħajja tal-bniedem, u għandha ssir bir-reqqa bl-użu ta' metodi robusti;

(d) **il-verifika għall-koinċidenza ta' impatti**: L-aggregazzjoni f'termini monetarji tista' twassal għal impatti li jikkoinċidu. Pereżempju, il-modifiki retroattivi ta' bini jtejbu l-kumdità ta' ġewwa. Dan jaffettwa s-saħħa tal-bniedem u l-produttività, li fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jaffettwaw ukoll aspetti ekonomiċi bħall-introjtu disponibbli jew il-baġit pubbliku. Li jiġu permessi koinċidenzi jista' jitqies bħala l-għadd doppju tal-benefiċċji u jirriżulta f'sopravalutazzjoni tal-impatti netti. Sabiex dan jiġi evitat, jista' jintuża approċċ ta' mmappjar ta' "bosta direzzjonijiet tal-impatt", li jittraċċaw il-benefiċċji rilevanti kollha, l-interazzjonijiet tagħhom, u l-punti ta' tmiem li għandhom jiġu monetizzati ([10]).

Biex jappoġġjaw dak il-proċess ta' valutazzjoni, ġew żviluppati diversi għodod u metodoloġiji għall-kwantifikazzjoni ta' benefiċċji usa', inklużi l-għodod appoġġjati minn Orizzont 2020 COMBI ([11]), MICAT ([12]), u Odyssee-Mure ([13]). Informazzjoni aktar dettaljata dwar il-metodi ta' kwantifikazzjoni u l-għodod ta' appoġġ għal benefiċċji individwali usa' tinsab fil-punt 3.7.1 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni (UE) 2021/1749. Għat-trasport, għandu jintuża l-manwal tal-2019 dwar il-kostijiet esterni tat-trasport (jew l-aġġornamenti futuri tiegħu) ([14]).

([9]) H. Pollitt, E. Alexandri, P. Boonekamp, U. Chewpreecha, A. de Rose, R. Drost, L. Estourgie, C. Farahani, D. Funcke, S. Markkanen, G. Moret, C. Rodenburg, F. Suerkemper, S. Tensen, P. Theillard, J. Thema, P. Vethman, F. Vondung u M. Voogt, 2016: The Macroeconomic and Other Benefits of Energy Efficiency. Rapport Finali. T. Mandel, L. Kranzl u S. Thomas, 2022: Energy Efficiency First and Multiple Impacts: integrating two concepts for decision-making in the EU energy system, Deliverable D3.4 of the ENEFIRST project. F. Suerkemper, F. Vondung, C. Xia-Bauer, J. Teubler, S. Hackspiel, F. Berger, B. Schlomann, W. Eichhammer, F. Wagner, A. DeVita, Z. Vrontisi u I. Rogulj, 2022: Overall quantification and monetisation concept, Deliverable 2.1 of the MICAT project.

([10]) D. Ürge-Vorsatz, S. T. Herrero, N. K. Dubash and F. Lecocq, 2014: Measuring the Co-Benefits of Climate Change Mitigation, 39 Annual Review of Environment and Resources 549, 2014.

([11]) COMBI: Calculating and Operationalising the Multiple Benefits of Energy Efficiency in Europe, https://combi-project.eu/.

([12]) MICAT: Multiple Impacts Calculation Tool, https://micatool.eu/. Il-MICATool tista' tintuża bħala kalkulatur li jippermetti l-użu tad-*data* proprja (jekk disponibbli) jew inkella valuri awtomatiċi prestabbiliti kompatibbli mal-NECPs u/jew mal-leġiżlazzjoni tal-UE.

([13]) ODYSSEE-MURE https://www.odyssee-mure.eu/data-tools/multiple-benefits-energy-efficiency.html/.

([14]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport, Essen, H., Fiorello, D., El Beyrouty, K. et al., Handbook on the external costs of transport – Verżjoni 2019 – 1.1, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2020, https://data.europa.eu/doi/10.2832/51388

F'konformità mal-metodoloġiji tal-analiżi tal-kostijiet-benefiċċji fil-livell tal-UE ([15]) previsti fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]), l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jiddefinixxu metodoloġiji xierqa għat-twettiq ta' analiżijiet tal-kostijiet-benefiċċji f'oqsma speċifiċi. Jekk ikun meħtieġ, dawk il-metodoloġiji jistgħu jiġu ssupplimentati b'linji gwida addizzjonali, u b'hekk jiġu żgurati analiżijiet tal-kostijiet-benefiċċji robusti li jivvalutaw bir-reqqa l-benefiċċji usa' tas-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika.

Tabella 4

Benefiċċji soċjali usa' tas-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika

Benefiċċju	Deskrizzjoni	Approċċi possibbli ta' kwantifikazzjoni u monetizzazzjoni
Il-kumditàta' ġewwa	Sistemi mtejba tal-iżolazzjoni, tat-tisħin u tat-tkessiħ jistgħu jagħmlu l-ambjenti tal-għajxien u tax-xogħol aktar komdi u jikkontribwixxu għal saħħa aħjar	Kejl tal-kumditàbbażat fuq stħarriġ, potenzjalment monetizzat permezz tal-iffrankar tal-kostijiet tas-saħħa (il-metodu ta' kemm wieħed huwa lest li jħallas/jaċċetta) jew żidiet fil-produttività (metodu ta' preferenza żvelat)
Il-faqar enerġetiku	L-implimentazzjoni ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika tista' tgħin biex jittaffa l-faqar enerġetiku billi l-enerġija ssir aktar affordabbli għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx	L-iffrankar fil-kontijiet tal-enerġija, rifless fl-introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi (valwazzjoni diretta tas-suq)
Il-valuri tal-proprjetà	Il-bini effiċjenti fl-enerġija jista' jkollu valur tas-suq ogħla minħabba tnaqqis fil-kostijiet tal-enerġija, konformità mal-istandards nazzjonali u kumditàmtejba	Bidla fil-valuri tal-proprjetà, potenzjalment monetizzati bl-użu ta' *data* tas-suq immobiljari (metodu tal-ipprezzar edoniku)
L-istorbju	Id-disinn u l-iżolazzjoni tal-bini effiċjenti fl-enerġija jistgħu jgħinu biex jitnaqqas l-istorbju kemm minn sorsi esterni kif ukoll minn sistemi interni, filwaqt li jittejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol. It-trasport effiċjenti fl-enerġija (bl-elettriku u li juża l-enerġija tal-bniedem) fuq l-art u bl-ilma jista' jnaqqas ukoll l-emissjonijiet tal-ħoss.	Tnaqqis tal-istorbju kkwantifikat f'deċibel, monetizzat bl-użu tal-impatti fuq il-valur tal-proprjetà (il-metodu tal-ipprezzar edoniku) jew bl-iffrankar tal-kostijiet tas-saħħa (il-metodi ta' kemm wieħed huwa lest li jħallas/jaċċetta)

Tabella 5

Benefiċċji ambjentali usa' tas-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika

Benefiċċju	Deskrizzjoni	Approċċi possibbli ta' kwantifikazzjoni u monetizzazzjoni
Gassijiet serra	Is-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika jistgħu jnaqqsu d-domanda għall-enerġija, li ħafna drabi twassal għal inqas emissjonijiet ta' gassijiet serra	Ikkwantifikati f'tunnellati ekwivalenti għas-CO_2 mnaqqsa, potenzjalment monetizzati bl-użu tal-ipprezzar tal-karbonju (valwazzjoni diretta tas-suq)
Il-kwalità tal-arja	It-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija jista' jgħin biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja mill-impjanti tal-enerġija u l-proċessi industrijali, li jkun ta' benefiċċju għas-saħħa pubblika u għall-ambjent	Ikkwantifikat fi tnaqqis ta' sustanzi li jniġġsu, monetizzati bl-użu tal-kostijiet tal-impatt fuq is-saħħa (il-metodu tal-kost evitat tal-ħsara)

([15]) ENTSOG, 2019: 2nd ENTSOG Methodology for Cost-Benefit Analysis of Gas Infrastructure Projects 2018. ENTSO-E 2018: 2nd ENTSO-E Guideline for Cost Benefit Analysis of Grid Development Projects, Brussell, 2018.

([16]) Ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 u d-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/869/oj).

L-użu tal-ilma	Teknoloġiji u prattiki effiċjenti fl-enerġija jistgħu jgħinu biex jitnaqqas l-użu tal-ilma, peress li ħafna drabi l-ilma jkun meħtieġ għall-ġenerazzjoni tal-enerġija u għall-proċessi tal-produzzjoni tal-enerġija. Dan jista' jwassal għal inqas stress idriku u inqas kompetizzjoni għar-riżorsi tal-ilma.	L-iffrankar tal-ilma kkwantifikat fil-volum, potenzjalment monetizzat bl-użu tal-ipprezzar tal-ilma (valwazzjoni diretta tas-suq)
L-iskart	L-effiċjenza enerġetika tista' twassal għal tnaqqis fil-ġenerazzjoni ta' skart, peress li hemm bżonn inqas materja prima għall-produzzjoni tal-enerġija, u proċessi aktar effiċjenti jipproduċu inqas skart u inqas prodotti sekondarji.	It-tnaqqis tal-iskart ikkwantifikat bil-piż/volum, monetizzat bl-użu tal-kostijiet tar-rimi tal-iskart jew tar-riċiklaġġ (metodu tal-kost evitat)
Użu tal-art	Permezz tat-tnaqqis tad-domanda għall-art u għar-riżorsi assoċjati mal-produzzjoni tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika tista' tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-ekosistemi.	L-iffrankar tal-art ikkwantifikat fl-erja, potenzjalment monetizzat bl-użu tal-valur tal-art (valwazzjoni diretta tas-suq) jew valwazzjoni tas-servizzi tal-ekosistema (metodu ta' kemm wieħed huwa lest li jħallas)
Bijodiversità	L-effiċjenza enerġetika tista' twassal biex jitnaqqas it-telf tal-bijodiversità, peress li hemm bżonn inqas materja prima għall-produzzjoni tal-enerġija, inklużi l-bijomassa u l-materjali verġni li l-estrazzjoni tagħhom tista' tkun ta' ħsara għan-natura.	Anki jekk diġà teżisti metrika biex jiġi kkwantifikat it-telf tal-bijodiversità, ma hemm l-ebda kunsens sħiħ dwar l-aħjar metodoloġiji. Madankollu, il-Kummissjoni hija involuta fl-iżvilupp ta' approċċi u *data* ([1]) utli differenti li jistgħu jintużaw f'dan il-kuntest. Tal-inqas, għandha tiġi implimentata valutazzjoni kwaltitattiva tal-pressjonijiet u l-impatti fuq in-natura.

([1]) Il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni dwar l-impronta ambjentali tal-organizzazzjonijiet f'Diċembru 2021, b'referenzi għall-bijodiversità (paġna 27). Barra minn hekk, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2772 tal-31 ta' Lulju 2023 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tal-istandards tar-rappurtar dwar is-sostenibbiltà jirreferi għall-bijodiversità (ĠU L, 2023/2772, 22.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/2772/oj). Il-Kontijiet tas-Servizzi tal-Kapital Naturali u tal-Ekosistema (Kontijiet tal-ekosistema – il-kejl tal-kontribut tan-natura għall-ekonomija u l-benesseri tal-bniedem – Statistics Explained (europa.eu)) u l-ħidma tal-Immappjar u l-Valutazzjoni tal-Ekosistemi u tas-Servizzi tagħhom (MAES, https://data.jrc.ec.europa.eu/collection/MAES), kif ukoll id-Direttivi dwar il-Ħabitats u l-Għasafar jipprovdu *data* u informazzjoni rilevanti dwar l-ekosistemi, il-kundizzjoni u s-servizzi tagħhom.

Tabella 6

Benefiċċji ekonomiċi usa' tas-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika

Benefiċċju	Deskrizzjoni	Approċċi possibbli ta' kwantifikazzjoni u monetizzazzjoni
Il-ħolqien tal-impjiegi	L-investimenti fl-effiċjenza enerġetika jistgħu joħolqu impjiegi lokali f'oqsma bħall-kostruzzjoni, il-manifattura u s-servizzi tal-enerġija.	Impjiegi maħluqa, monetizzati bl-użu ta' *data* dwar il-pagi (valwazzjoni diretta tas-suq)
Il-produttività tal-forza tax-xogħol	Postijiet tax-xogħol effiċjenti fl-enerġija jistgħu jwasslu għal kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, li jagħtu spinta lill-produttività tal-impjegati u s-sodisfazzjon fix-xogħol.	Żidiet fil-produttività kkwantifikati bl-użu ta' metrika tal-prestazzjoni, monetizzati bl-użu tad-*data* dwar il-pagi jew r-riżultati (metodu ta' preferenza żvelat)
Is-sigurtà tal-enerġija	L-effiċjenza enerġetika tista' tgħin biex titnaqqas id-dipendenza ta' pajjiż fuq sorsi ta' enerġija importati, filwaqt li tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija nazzjonali.	Iffrankar tal-enerġija kkwantifikat f'unitajiet tal-enerġija, monetizzat bl-użu ta' previżjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija (valwazzjoni diretta tas-suq)
L-innovazzjoni u l-kompetittività	L-investimenti fl-effiċjenza enerġetika jistgħu jistimulaw l-innovazzjoni fit-teknoloġija u fil-mudelli kummerċjali, u jgħinu lill-kumpaniji jiksbu vantaġġ kompetittiv fis-swieq globali.	Diffiċli biex tikkwantifika u timmonetizza direttament, iżda l-indikaturi potenzjali jinkludu l-għadd ta' privattivi ppreżentati, l-għadd ta' prodotti ġodda mnedija, jew bidliet fis-sehem mis-suq

4.5. **Kif għandu jiġi applikat il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fi ħdan u lil hinn mis-settur pubbliku u s-setturi regolati?**

L-applikazzjoni prattika tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" tiddependi fuq il-kuntest tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-atturi involuti. Għalkemm l-implimentazzjoni tal-prinċipju inkorporat fid-Direttiva (UE) 2023/1791 hija vestita fl-Istati Membri, id-deċiżjonijiet rilevanti ta' ppjanar, politika u investiment jittieħdu minn għadd kbir ta' atturi.

Dawk li jfasslu l-politika (il-ministeri u l-awtoritajiet superviżorji fil-livelli kollha tal-gvern) għandhom iqisu d-diversi responsabbiltajiet ewlenin li għandhom meta jimplimentaw il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel":

(a) ir-rieżami tal-politiki eżistenti u ppjanati biex jiġi ddeterminat jekk humiex konsistenti mal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", jiġifieri jekk l-inċentivi jew ir-regolamenti joħolqux kundizzjonijiet ekwi għas-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika u l-infrastruttura tradizzjonali tal-provvista tal-enerġija;

(b) l-iżvilupp ta' regolamentazzjoni tas-suq tal-enerġija li tkun inklużiva għat-teknoloġija, jiġifieri, tapprezza l-benefiċċju tal-effiċjenza u l-flessibbiltà enerġetika;

(c) filwaqt li titqies l-implimentazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" meta jiġi pprovdut kwalunkwe investiment pubbliku (inkluż investiment fin-network) u finanzjament/appoġġ pubbliku għall-atturi tas-suq. Jekk investiment bħal dan jikkostitwixxi deċiżjoni ta' investiment maġġuri 'il fuq mil-limiti ta' EUR 100 miljun jew EUR 175 miljun għal proġetti ta' infrastruttura tat-trasport, l-Istati Membri għandhom bżonn jiżguraw li s-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika jiġu vvalutati, inkluż qabel ma jingħata appoġġ pubbliku possibbli;

(d) l-iżvilupp ta' ppjanar strateġiku ta' politiki tal-enerġija li jikkunsidraw bis-sħiħ l-użu ta' soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika.

L-influwenza tal-Istati Membri fuq l-atturi differenti li fil-fatt jistgħu jimplimentaw il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fid-deċiżjonijiet tagħhom tvarja b'mod konsiderevoli. Id-distinzjoni bażika hija bejn l-atturi pubbliċi/regolati u l-atturi tas-suq (inklużi l-atturi tas-suq tal-enerġija u l-utenti tal-enerġija finali li għandhom jitqiesu bħala parti mis-"setturi mhux tal-enerġija"). Il-kamp ta' applikazzjoni tal-ingranaġġ u l-għodod ewlenin huma miġbura fil-qosor fl-Illustrazzjoni 1.

L-entitajiet pubbliċi jew regolati jistgħu jintalbu direttament mill-awtoritajiet nazzjonali biex jimplimentaw il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fl-operazzjonijiet tagħhom jekk ikollhom jagħmlu d-deċiżjonijiet ta' ppjanar u ta' investiment maġġuri tagħhom abbażi tal-analiżi tal-kostijiet-benefiċċji tas-soċjetà. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" minn entitajiet regolati, bħall-operaturi ta' networks tfisser l-użu tal-flessibbiltà orjentata lejn id-domanda u tar-rispons tad-domanda ([17]) kull meta tkun alternattiva kosteffettiva għall-investiment u l-operat tradizzjonali tan-network u ma taffettwax b'mod negattiv l-affidabbiltà u s-sigurtà tas-sistema tal-enerġija. L-ippjanar u t-tħaddim tan-network jistgħu jinvolvu l-passi li ġejjin:

(a) l-identifikazzjoni tax-xejriet bejn il-provvista u d-domanda: il-valutazzjoni tax-xejriet tal-enerġija (pereżempju, l-elettrifikazzjoni tas-sħana u tat-trasport, l-elettrolizzaturi, il-ġenerazzjoni rinnovabbli, eċċ.) b'mod speċifiku għall-post u l-analiżi tal-adegwatezza tal-infrastruttura eżistenti biex jiġu ssodisfatti l-aspettattivi tal-konsumaturi; il-kunsiderazzjoni xierqa tal-elastiċità tal-prezzijiet tad-domanda u l-potenzjal għal flessibbiltà tad-domanda kemm espliċita (innegozjata u konsenjabbli) kif ukoll impliċita (ibbażata fuq il-prezzijiet);

(b) il-valutazzjoni tas-soluzzjonijiet orjentati lejn id-domanda u lejn il-provvista: it-twettiq ta' studji ta' fattibbiltà biex tiġi ddeterminata l-vijabbiltà teknika u ekonomika tal-għażliet kollha, inklużi soluzzjonijiet orjentati lejn id-domanda (pereżempju, l-akkwist ta' tagħbija flessibbli) ħdejn soluzzjonijiet min-naħa tal-provvista (pereżempju, l-installazzjoni ta' substazzjon ġdid), inklużi l-kostijiet rispettivi tagħhom u l-benefiċċji usa'. Il-mandat tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali normalment jinkludi l-protezzjoni tal-konsumatur u li jinkludi l-implimentazzjoni tas-soluzzjoni bl-inqas kostijiet infurzati biex tipproteġi lill-konsumaturi minn kostijiet li jistgħu jiġu evitati;

(c) il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni kemm tas-soluzzjonijiet orjentati lejn id-domanda kif ukoll soluzzjonijiet min-naħa tal-provvista biex jiġu identifikati opportunitajiet għal titjib.

L-operaturi ta' networks huma monopolji naturali taħt sorveljanza regolatorja. Biex jitwettaq dan l-obbligu, ir-regolamenti għall-operaturi ta' networks jistgħu jiġu riformati biex jinċentivaw l-investimenti f'soluzzjonijiet orjentati lejn id-domanda billi jeliminaw il-preġudizzju tan-nefqa kapitali u jintroduċu miri ta' prestazzjoni bl-inċentivi finanzjarji biswit. Barra minn hekk, it-tariffi tan-network jistgħu jitfasslu b'tali mod li l-pagament ikun primarjament marbut mal-konsum, u b'hekk il-konsumaturi jingħataw inċentivi biex jużaw inqas enerġija.

([17]) B'mod ġenerali, alternattivi magħrufa wkoll bħala *alternattivi mhux tal-wajers*.

L-atturi tas-suq tal-enerġija (produtturi, sidien tal-ħżin, fornituri, aggregaturi, eċċ.) jieħdu deċiżjonijiet kummerċjali, abbażi tal-analiżi finanzjarja tagħhom stess ([18]), mingħajr sorveljanza regolatorja diretta. Il-fornituri tal-enerġija, pereżempju, ibigħu l-enerġija lill-klijenti. Dawn jistgħu jikkontribwixxu għall-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" permezz ta' skemi ta' obbligi b'rabta mal-effiċjenza enerġetika skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2023/1791, fejn ikunu mitluba jtejbu l-effiċjenza fl-użu aħħari tal-enerġija tal-faċilità ta' klijent.

L-utenti tal-enerġija finali (li għandhom jitqiesu bħala parti mis-"setturi mhux tal-enerġija") huma atturi tas-suq li l-azzjonijiet tagħhom relatati mal-enerġija jistgħu jissawru b'mod predominanti permezz ta' sinjali tal-prezzijiet u tat-tariffi, u regolamenti amministrattivi bħar-regolamenti dwar il-prodotti, il-bini jew l-użu tal-art. Jipproduċu u jikkunsmaw l-enerġija (deċiżjonijiet operazzjonali) u jinvestu f'diversi assi tal-enerġija wara l-miter, inkluż il-bini (deċiżjonijiet ta' investiment). Bl-adozzjoni ta' mġiba li tiffranka l-enerġija, l-investiment f'teknoloġiji u prattiki marbuta mal-parteċipazzjoni fi programmi tar-rispons tad-domanda, il-ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u l-użu ta' ħżin "wara l-miter" (inklużi vetturi elettriċi b'grilja elettrika), dawn jistgħu jħallu impatt dirett fuq il-ħtieġa għal infrastruttura min-naħa tal-provvista "quddiem l-miter". L-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" għall-utenti tal-enerġija finali tkun tfisser l-għoti ta' inċentivi effettivi u ambjent li jagħtihom is-setgħa li jippermettilhom jadottaw teknoloġiji u mġiba li jnaqqsu l-użu tal-enerġija u jintroduċu flessibbiltà fid-domanda. Ambjent li jagħti s-setgħa jinkludi mhux biss l-għoti ta' inċentivi iżda wkoll strumenti ta' mġiba u ta' informazzjoni.

Illustrazzjoni 1

Sellum ta' ingranaġġ għall-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel"



It-Tabella 7, li hija bbażata fuq ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2021/1749, tissuġġerixxi miżuri f'oqsma ta' politika biex tiffaċilita l-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel".

Tabella 7

Oqsma ta' politika u eżempji ta' miżuri li jippermettu l-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" f'dawk l-oqsma ta' politika

Qasam ta' politika	Selezzjoni tal-miżuri
Swieq tal-elettriku	— Prezzijiet tal-elettriku dinamiċi — Appoġġ għall-installazzjoni ta' tagħmir intelliġenti — Tariffi tan-network differenzjati skont in-network

([18]) Ara t-Taqsima 4.2

	— L-iffaċilitar għall-parteċipazzjoni tar-rispons tad-domanda u l-aggregaturi tiegħu fis-swieq tal-enerġija — L-aċċellerazzjoni tal-introduzzjoni ta' sistemi ta' kejl intelliġenti — Inċentivi regolatorji innovattivi għall-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u għall-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni fl-iżvilupp tan-network
Il-provvista u d-distribuzzjoni tal-enerġija	— L-iżvilupp ta' xenarji konġunti bejn il-provvista u d-domanda għall-ippjanar tal-infrastruttura — Rekwiżit biex tintuża l-analiżi tal-kostijiet-benefiċċji fl-ippjanar ta' networks reġjonali tal-elettriku, tal-gass jew tas-sħana biex jiġu identifikati l-aktar għażliet kosteffettivi tal-provvista u tad-domanda tal-enerġija — L-integrazzjoni tat-tisħin u tat-tkessiħ fl-ippjanar taż-żoni urbani, rurali jew industrijali — L-użu mill-ġdid tas-sħana mormija u l-integrazzjoni tas-sħana mormija fin-networks tat-tisħin distrettwali
Id-domanda għall-enerġija (is-settur industrijali u servizzi)	— Ir-rabta tal-ħruġ tal-permessi tal-faċilitajiet industrijali li jiġġeneraw l-iskart mal-possibbiltà ta' konnessjoni man-networks lokali tas-sħana — L-istandards minimi għar-rendiment tal-enerġija — L-introduzzjoni tar-rekwiżiti għall-kapaċitajiet tar-rispons tad-domanda — L-introduzzjoni ta' deprezzament tat-taxxa miżjud jew regoli ta' deprezzament temporanju
Il-bini	— L-inklużjoni ta' rinnovazzjonijiet tal-bini fl-irkantar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli — L-iskemi ta' finanzjament innovattivi għar-rinnovazzjoni tal-bini, inklużi ipoteki għall-effiċjenza enerġetika — Ir-rabta tal-ħruġ tal-permessi tal-lokalizzazzjoni tal-bini mal-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli — L-użu tal-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija biex jiġi żgurat titjib garantit fl-effiċjenza enerġetika — L-installazzjoni ta' sistemi ta' feedback dwar il-konsum tal-enerġija permezz ta' miters intelliġenti u apparati intelliġenti
Trasport	— L-għoti ta' inċentivi għat-trasport pubbliku, iċ-ċikliżmu u l-mixi — L-għoti ta' inċentivi għax-xiri u l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero — Il-promozzjoni tal-mobbiltà kondiviża li twassal għal żieda fir-rati ta' okkupanza tal-vetturi — L-effiċjenza enerġetika titqies fit-tfassil ta' proġetti ta' infrastruttura
Ilma	— Ir-rabta tal-infrastruttura tal-elettriku u tal-ilma, pereżempju, billi jiġi ppumpjat l-ilma meta d-domanda għall-elettriku tkun baxxa — Il-produzzjoni tal-bijometan fuq il-post fit-trattament tal-ilma mormi — L-użu ta' tekniki ta' kontroll tal-proċess fis-sistemi tal-ilma biex jitnaqqsu l-volumi tat-tkessiħ tal-ilma għall-produzzjoni tal-enerġija

Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni	— L-inkoraġġiment tal-lokalizzazzjoni taċ-ċentri ta' *data* qrib in-networks tas-sħana — L-istabbiliment ta' standards għall-rendiment tal-enerġija tas-sistema — Il-promozzjoni tal-użu tal-ħżin tal-batteriji wara l-miter għar-rispons tad-domanda fil-macro sites tal-5G — L-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-varjazzjonijiet fil-konsum tal-enerġija tal-għażliet tal-istreaming
Is-settur finanzjarju	— L-applikazzjoni ta' analiżi sħiħa tal-ħajja tal-assi tal-impronta tal-enerġija u tal-karbonju tal-investiment, meta tiġi vvalutata deċiżjoni ta' finanzjament — L-iżvilupp ta' għodod għall-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" biex jgħinu lill-iżviluppaturi u lis-sidien tal-proġetti jivvalutaw bis-sħiħ l-opportunitajiet potenzjali għal effiċjenza enerġetika mtejba — L-evalwazzjoni u d-disinn ta' komponenti ekoloġiċi għal self ipotekarju tradizzjonali b'valutazzjoni tar-rendiment tal-enerġija

4.6. **Kif tista' tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fid-deċiżjonijiet ta' investiment privat maġġuri?**

L-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw il-valutazzjoni tas-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika f'deċiżjonijiet ta' investiment maġġuri ([19]). Meta l-proġett ta' investiment inkwistjoni jkun taħt sjieda pubblika, l-awtoritajiet responsabbli jistgħu jieħdu deċiżjoni, abbażi tal-analiżi, li tbiddel jew iċċekken l-iskala tal-proġett biex tikseb il-benefiċċju soċjali massimu.

Għal investimenti taħt sjieda privata, it-teħid ta' azzjoni alternattiva jista' ma jkunx possibbli jew fl-interess tas-sid privat. Pereżempju, meta operatur ta' impjant tal-enerġija għandu l-intenzjoni li jibni impjant ġdid tal-enerġija tal-gass b'valur ta' aktar minn EUR 100 miljun, l-awtoritajiet nazzjonali jista' jkollhim bżonn analiżi tal-kostijiet-benefiċċji ekonomika (soċjali) qabel il-kostruzzjoni tal-impjant. Anki jekk l-analiżi tal-kostijiet-benefiċċji turi li s-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika, bħall-flessibbiltà orjentata lejn id-domanda, huma ekonomikament aktar kosteffettivi mill-impjant tal-enerġija, l-operatur tal-impjant ma jkollu l-ebda inċentiv finanzjarju biex iwaqqaf l-investiment tiegħu stess u biex jirrinunzja l-profitti potenzjali, peress li t-tħassib ewlieni tan-negozju tiegħu huwa l-ġenerazzjoni tal-enerġija, u mhux l-iffrankar.

Għalhekk, minflok ma jiġi impost il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" permezz ta' valutazzjonijiet obbligatorji, id-deċiżjonijiet privati ta' investiment maġġuri għandhom ikunu mmexxijin minn inċentivi ta' politika ddedikati li jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet kosteffettivi tal-effiċjenza enerġetika. L-ipprezzar tal-karbonju previst fid-Direttiva 2003/87/UE se jnaqqas ir-redditu finanzjarju ta' tali investimenti, filwaqt li jinforza wkoll l-aċċess nondiskriminatorju għas-suq għall-flessibbiltà orjentata lejn id-domanda fis-swieq tal-enerġija, tal-ibbilanċjar u tal-kapaċità u l-użu ta' pprezzar tal-elettriku differenzjat skont il-ħin peress li f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([20]) se jżid ir-redditu finanzjarju għall-alternattivi abbażi tal-flessibbiltà orjentata lejn id-domanda. Barra minn hekk, l-ippjanar tal-enerġija jew tas-setturi li wieħed jista' joqgħod fuqu, bħall-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima jew l-ippjanar nazzjonali tat-trasport, jista' jipprovdi informazzjoni lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell privati dwar l-oqfsa tal-politika prevedibbli u l-kundizzjonijiet tas-suq.

4.7. **Kif għandu jiġi indirizzat l-impatt fuq il-faqar enerġetiku?**

Kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (52), tad-Direttiva (UE) 2023/1791, il-faqar enerġetiku jfisser *"in-nuqqas ta' aċċess ta' unità domestika għal servizzi essenzjali tal-enerġija, fejn tali servizzi jipprovdu livelli bażiċi u standards tal-għajxien u tas-saħħa deċenti […], ikkawżat minn taħlita ta' fatturi, inkluż mill-inqas għal nuqqas ta' affordabbiltà, introjtu disponibbli insuffiċjenti, nefqa għolja għall-enerġija u effiċjenza enerġetika baxxa tad-djar"*.

Il-premessa (23) tal-preambolu tad-Direttiva (UE) 2023/1791 tenfasizza li l-individwi f'riskju ta' faqar enerġetiku jew li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali għandhom jibbenefikaw mill-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel". B'mod partikolari, bil-promozzjoni ta' *"miżuri […] ta' kosteffiċjenza tal-effiċjenza enerġetika"*, kif imsemmi fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2018/1999, il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" b'mod inerenti għandu l-għan li jnaqqas il-kostijiet u jżid il-benefiċċji għall-konsumaturi, inklużi dawk affettwati mill-faqar enerġetiku. Dan l-approċċ jindirizza direttament kwistjonijiet strutturali, bħal djar ineffiċjenti, li jikkontribwixxu għall-faqar enerġetiku.

([19]) Ara t-Taqsima 4.2

([20]) Ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/943/oj).

Skont l-Artikolu 24(1) tad-Direttiva (UE) 2023/1791, l-Istati Membri huma meħtieġa jagħtu s-setgħa u jissalvagwardjaw lill-individwi affettwati mill-faqar enerġetiku. Miżuri xierqa jistgħu jinkludu:

(a) il-promozzjoni ta' soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika;

(b) il-prijoritizzazzjoni tal-finanzjament pubbliku għall-benefiċjarji vulnerabbli;

(c) l-għoti ta' assistenza teknika u informazzjoni komprensiva;

(d) l-użu ta' finanzjament u għodod finanzjarji li jgħinu lill-gruppi vulnerabbli jibbenefikaw mill-investimenti fl-effiċjenza enerġetika.

4.8. **Liema istituzzjonijiet jistgħu jaġixxu bħala entitajiet ta' monitoraġġ?**

L-"entità" msemmija fl-Artikolu 3(5), il-punt (c) tad-Direttiva (UE) 2023/1791 tista' pereżempju tkun jew entità pubblika (awtorità regolatorja nazzjonali, il-ministeru tal-enerġija, aġenzija tal-gvern) jew attur ta' parti terza indipendenti b'mandat speċifiku u espliċitu mill-Istat biex iwettaq dan il-kompitu. Huwa importanti li l-entità jkollha l-mandat istituzzjonali trażversali meħtieġ għall-koordinazzjoni tal-"entitajiet rilevanti" kollha kif imsemmi fl-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva u fir-Rakkomandazzjoni (UE) 2021/1749. Il-monitoraġġ ma għandux ikun limitat għad-deċiżjonijiet ta' politika jew għall-investimenti l-ġodda iżda għandu jinkludi l-valutazzjoni tal-*istatus quo* fir-rigward tal-politiki u r-regolamenti rilevanti kollha. Għalkemm l-għażla x'aktarx li tkun speċifika għall-pajjiż, skont l-istituzzjonijiet eżistenti u l-kompiti tagħhom, xi kunsiderazzjonijiet ġenerali huma pprovduti fit-Tabella 8:

Tabella 8

Istituzzjonijiet rilevanti għall-Artikolu 3(4)

Istituzzjoni	Vantaġġi
Awtorità regolatorja nazzjonali/ aġenzija tal-enerġija	L-enerġija (il-fjuwils kollha) u ffukati fuq ir-regolamentazzjoni; ta' sikwit bil-kompitu tal-implimentazzjoni ta' politiki dwar l-effiċjenza enerġetika bħal EEOs; esperjenza fil-ġbir u l-monitoraġġ tad-*data*
Ministeru (tal-enerġija)	Impatt dirett tal-politiki kemm fuq il-provvista kif ukoll fuq id-domanda tal-enerġija; mekkaniżmi ta' koordinazzjoni stabbiliti ma' ministeri settorjali oħra dwar ċerti utenti tal-enerġija finali (setturi mhux tal-enerġija)
Korp indipendenti	L-ebda kunflitt ta' interess, kapaċitajiet umani disponibbli, esperjenza transsettorjali

4.9. **Kif tista' tiġi promossa l-applikazzjoni ta' metodoloġiji tal-kostijiet-benefiċċji?**

L-Artikolu 3(5), il-punt (a), tad-Direttiva (UE) 2023/1791 jirrikjedi li l-Istati Membri jippromwovu metodoloġiji tal-kostijiet-benefiċċji li jippermettu valutazzjoni xierqa tal-benefiċċji usa' tal-effiċjenza enerġetika. Inizjattivi potenzjali ta' promozzjoni jistgħu jinkludu:

(a) **l-iżvilupp ta' linji gwida komprensivi:** L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu linji gwida għat-twettiq tas-analiżijiet tal-kostijiet-benefiċċji li jeħtieġu l-inklużjoni ta' benefiċċji usa' u perspettiva tas-soċjetà, b'referenza għal-linji gwida tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 3(6) tad-Direttiva (UE) 2023/1791;

(b) **it-taħriġ u bini tal-kapaċitajiet**: L-Istati Membri jistgħu jorganizzaw programmi ta' taħriġ u workshops biex dawk li jieħu d-deċiżjonijiet, bħall-awtoritajiet pubbliċi u l-operaturi ta' networks, jingħataw għarfien u għodod għall-analiżijiet tal-kostijiet-benefiċċji f'konformità mal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel";

(c) **l-inklużjoni ta' CBA fl-oqfsa regolatorji:** il-leġiżlazzjoni u d-direttivi ta' politika jistgħu jirrikjedu l-użu tal-analiżiji tal-kostijiet-benefiċċji fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet, b'mod partikolari f'oqsma relatati mas-sistemi tal-enerġija;

(d) **l-istabbiliment ta' korpi ta' sorveljanza indipendenti:** dawk il-korpi jistgħu jirrevedu l-analiżijiet tal-kostijiet-benefiċċji biex jiżguraw li jkunu twettqu kif suppost u li jikkonformaw mal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel".

5. **Rekwiżiti ta' rappurtar skont il-qafas legali applikabbli**

5.1. **Aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima**

Skont l-Artikolu 3(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jqisu l-interkonnessjonijiet bejn il-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, b'mod partikolari l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fil-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima (NECP) tagħhom.

5.2. **Rappurtar ta' progress**

Skont l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva (UE) 2023/1791, l-awtoritajiet kompetenti ([21]) għandhom jimmonitorjaw l-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", fejn id-deċiżjonijiet ta' ppjanar, ta' politika u ta' investiment ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' approvazzjoni u monitoraġġ.

Il-qafas tad-*data* għall-monitoraġġ tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jista' jibni fuq proċessi ta' monitoraġġ eżistenti u sorsi tad-*data* relatati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2023/1791, id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([22]), id-Direttiva (UE) 2019/944 u r-Regolament (UE) 2019/943.

B'mod partikolari, l-Artikolu 3(5), il-punt (d), tad-Direttiva (UE) 2023/1791 jirrikjedi li l-Istati Membri jirrapportaw dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima tagħhom ippreżentati skont ir-Regolament (UE) 2018/1999. Dan ir-rappurtar għandu jinkludi mill-inqas żewġ aspetti.

L-ewwel nett, ir-rapporti ta' progress għandhom jinkludu valutazzjoni tal-applikazzjoni u tal-benefiċċji tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel". Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jużaw l-indikaturi ta' monitoraġġ previsti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2299 ([23]). Eżempji ta' indikaturi ta' monitoraġġ rilevanti għall-monitoraġġ tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jistgħu jinstabu fl-Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2299 u jinkludu:

(a) il-kontribut nazzjonali u t-trajettorja indikattiva għall-konsum primarju u finali tal-enerġija (Anness IV, Tabella 1);

(b) il-progress lejn l-objettivi nazzjonali relatati mal-parteċipazzjoni tal-konsumatur fis-sistema tal-enerġija (Anness VI, Tabella 6);

(c) kostijiet u benefiċċji proġettati u realizzati disponibbli ta' politiki u miżuri individwali jew gruppi tagħhom dwar il-produzzjoni tal-effiċjenza enerġetika (l-Anness IX, it-Tabella 5);

(d) rappurtar dwar l-indikaturi fir-rigward tal-faqar enerġetiku (l-Anness XIX, Tabella 2).

It-tieni, ir-rapporti ta' progress għandhom jinkludu lista ta' miżuri meħuda biex jitneħħew l-ostakli għall-implimentazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", inkluż fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. It-Taqsima 4 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni (UE) 2021/1749 tipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata tal-miżuri biex jiġi applikat il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" f'setturi u oqsma ta' politika speċifiċi, li lista mhux eżawrjenti tagħhom hija mogħtija fit-Tabella 7 ta' dan l-Anness.

([21]) Ara t-Taqsima 4.8

([22]) Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/31/oj).

([23]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2299 tal-15 ta' Novembru 2022 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istruttura, tal-format, tad-dettalji tekniċi u tal-proċess għar-rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima (ĠU L 306, 25.11.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/2299/oj).